# Żewġ klieb gwida jaslu minn Bratislava

Żewġ klieb gwida, li nxtraw mill-Malta Guide Dogs Foundation (MGDF), waslu Malta din il-ġimgħa ma' żewġ istrutturi fil-mobilità u tal-klieb gwida, li ser inewwluhom lis-sidien tagħhom ġodda fil-jiem li ġejjin.

L-ewwel kelb, Glen, wasal nhar il-Erbgħa u t-tieni wieħed, Golem, wasal nhar il-Ġimgħa fuq żewġ titjiriet separati tal-Air Malta minn Vjenna. Iż-żewġt iklieb għandom sena u għaxar xhur u jiġu mill-istess boton.

Leone Sciberras, Ċermen tal-MGDF, kien preżenti fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fiż-żewġ ġranet biex jilqa' l-klieb. Miegħu kien hemm iż-żewġ sidien ġodda tal-klieb li issa se jibdew proċess ta' *bonding* u jieħdu iktar taħriġ biex ikunu jistgħu jieħdu f'idejhom il-klieb.

"Illum hu bidu ġdid għal dawn is-sidien ġodda ta' dawn il-klieb gwida, li issa jieħdu l-indipendenza tagħhom u jkunu jistgħu joħorgu iktar liberament grazzi għal dawn il-klieb gwida," is-Sur Sciberras qal. "Jistgħu jistennew numru ta' snin ta' servizz minn dawn il-klieb, li huma mħarrġa b'mod espert. Ninsab ċert li dawż iż-żewġ klieb gwida se jagħmlu differenza kbira f'ħajjet is-sidien tagħhom ġodda."

Bratislava hu wieħed miċ-ċentri minn fejn l-MGDF jixtru l-klieb għall-membri tal-komunità f'Malta u Għawdex li japplikaw għal kelb gwida. Iċ-ċentru l-ieħor hu f'Messina, fi Sqallija, iċ-Ċentru Reġjonali Helen Keller, Skola ta' Klieb Gwida, tal-Unjoni Taljana tal-Għomja.

"Għandna relazjonijiet eċċellenti maż-żewġ ċentri u nħeġġu dawk neqsin mid-dawl, li jixtiequ japplikaw għal kelb gwida, biex javviċinawna biex isirilhom l-evalwazzjoni u t-taħriġ meħtieġ qabel ma jistgħu jingħataw kelb," is-Sur Sciberras qal.

"Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazz iż-żewġ ċentri ta' taħriġ tal-klieb gwida tax-xogħol mill-aqwa tagħhom u l-isponsors kollha tal-MGDF, ewlieni fosthom il-*Malta Community Chest Fund,* li tawna l-fondi biex xtrajna l-klieb u l-Ordni Sovrana Militari ta' Malta (SMOM), li sponsorjaw l-ispejjeż biex wieħed mill-klieb ikun jista' jibbondja mas-sid ġdid tiegħu."

– TMIEM –

Caption:

**Leone Sciberras, Ċermen tal-Malta Guide Dogs Foundation (fin-nofs), jilqa' l-klieb mal-wasla tagħhom, Golem (fuq il-lemin) u Glen (fuq ix-xellug), fl-ajruport nhar il-Ġimgħa. Magħhom jidhru fir-ritratt iż-żewġ istrutturi fil-mobilità u tal-klieb gwida, Emmelie Reinson (fuq ix-xellug) u Lucia Hrtanova, u ż-żewġ sidien ġodda, Natalino Cristiano u Denise Spiteri (fuq il-lemin)**